MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## TradingBanks - Grizzly Limited - https://www.tradingbanks.com/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku dwar entità li qed topera taħt l-isem TradingBanks. TradingBanks hi ditta li tappartjeni u hi operata minn kumpanija reġistrata f'Malta, Grizzly Limited, li għandha l-uffiċċju reġistrat Floor 5, 115A, Msida Valley Road, Birkirkara BKR 9024, Malta (preċedentement ġo Suite 4, Numru 62/63, Morina Court, Triq Ġorġ Borġ Oliver, San Ġiljan, STJ 1081, Malta). TradingBanks għandha preżenza fuq l-Internet fis-sit https://www.tradingbanks.com/ u tiddeskrivi lilha nfisha bħala broker internazzjonali tal-forex li joffri firxa ta' servizzi ta' *trading*, li jinkludi forex (kambju), *metal trading* u CFDs.

L-MFSA tixtieq twissi lill-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, li TradingBanks u/jew Grizzly Limited **MHUMIEX** liċenzjati jew awtorizzati b'xi mod ieħor mill-MFSA biex jipprovdu xi servizzi ta' investiment jew servizzi finanzjarji oħra li għalihom jeħtieġu liċenzja jew xi forma ta' awtorizzazzjoni oħra skont il-liġi Maltija.

L-MFSA tappella lill-investituri u konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex qabel ma jagħmlu kwanlunkwe investiment jew jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji jaċċertaw lilhom infushom li l-entità li magħha qed isir l-investiment jew it-transazzjoni hija awtorizzata li tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 10-2016**
**28 ta' Ottubru 2016**